# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jonathan Aquilina**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Jonathan Aquilina**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 122779M li permezz tagħha huaa ġie akkużat talli nhar id-29 t'Awissu 2015 u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lil Joslin Bonnici u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.
B) kif ukoll li permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet il-provi prodotti;

Il-Qorti semgħet lill-imputat jammetti t-tieni imputazzjoni migjuba.

Wara li spjegatilu bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi illi jitnisslu mill-ammissjoni reġistrata minnu fis-sens li l-Qorti ser tgħaddi biex issibu ħati u tagħti piena skont il-liġi, tagħatu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jerġa' lura minnha. Wara li ingħata ukoll il-possibilta li jerga jikkonsulta mal-Avukat difensur, l-imputat wieġeb li huwa kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma għandhiex għażla għajr ħlief li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

# *Decide*

li stante li l-ewwel imputazzjoni mhix legalment sostenibbli il-Qorti qegħda tilliberah minnha u tiddjarah mhux ħati tagħha. Inoltre fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata għar-rigward tat-tieni imputazzjoni il-Qorti qegħda ssib lil Jonathan Aquilina ħati tat-teini imputazzjoni u tikkundannah għal multa ta' mitt euro (€100) u wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Joslin Bonnici u l-familjari tagħha kif ukoll sabiex jiġi mħares il-bon ordni u l-kwiet tal-

pubbliku qegħda tqiegħed lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta' sena millum taħt penali ta' elf euro (€1000).

***Mogħtija illum it-18 ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***